C/2026/3231

2.7.2026

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill — Il-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi — Nippreparaw id-Difiża

(Konsultazzjoni fakultattiva)

JOIN (2025) 27 — final

(C/2026/3231)

Relatur: **Christian MOOS (DE, Grupp III)**

Korelatur: **Christophe TYTGAT (BE-Kategorija 1)**

Konsulenti	Małgorzata DAROWSKA (għall-korelatur tal-Kat.1)
	Kristýna HELM (għall-Grupp I)
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	18.3.2026
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Konsultazzjoni	14.1.2026
Bażi legali	Artikolu 104 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fis-sezzjoni	10.3.2026
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	18.3.2026
Sessjoni plenarja Nru	604
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	201/4/15

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Minħabba r-ritorn tal-gwerra fl-Ewropa u r-rivalitajiet globali li qed isawru mill-ġdid l-ordni dinji, il-KESE jappoġġja l-pass biex titfassal strateġija Ewropea komprensiva għad-difiża. Huwa japprova l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza u l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE, b'segwitu tal-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030. Jenfasizza wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni tiegħu CCMI/256 dwar il-Pjan Direzzjonali għat-Trasformazzjoni tad-Difiża Ewropea.

1.2. Difiża Ewropea kredibbli teħtieġ responsabbiltà demokratika u trasparenza, inkluż il-monitoraġġ pubbliku tal-istat ta' tħejjija u l-impatti industrijali. Il-KESE jappoġġja strateġija Ewropea għad-difiża komprensiva li tintegra l-prontezza militari mal-preparatezza ċivili, ir-reżiljenza soċjali, id-diplomazija, id-dritt internazzjonali u l-promozzjoni tal-paċi, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Il-prontezza fil-qasam tad-difiża m'għandhiex twassal għall-militarizzazzjoni iżda pjuttost għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża b'mod kompatibbli mal-awtorità ċivili u l-iskrutinju demokratiku.

1.3. Il-KESE japprezza l-istruttura organizzata, l-objettivi, l-iskedi ta' żmien u r-riżultati tanġibbli tal-Pjan Direzzjonali, iżda jesprimi dispjaċir għall-fatt li dan ma jinkludix id-difiża navali bħala parti essenzjali mill-prontezza tad-difiża tal-UE.

1.4. Il-KESE jilqa' l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' kapaċità ta' prijorità iżda jesprimi dispjaċir għall-fatt li xi wħud minn dawn il-kapaċitajiet ġew imdewma jew ristretti fir-rigward tal-Ukrajna.

1.5. Il-prontezza tad-difiża Ewropea trid tkun immirata u tiffoka fuq il-preċiżjoni; l-intelligence; id-difiża ċibernetika; il-loġistika; il-mobbiltà; id-difiża tal-ajru, tal-ispazju, navali, tal-art u dik kontra l-missili; u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, inklużi l-ferroviji u l-portijiet.

1.6. Il-KESE jistieden lill-UE tegħleb il-frammentazzjoni u ssaħħaħ u tottimizza l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB); għandha wkoll issaħħaħ il-kooperazzjoni, tistimula l-akkwist konġunt, tnaqqas id-dipendenzi barranin inklużi dawk mir-riżorsi tal-enerġija, u tiżgura r-reżiljenza tal-katina tal-provvista, inkluż dik tal-provvista tal-fjuwils, sabiex issaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Ewropa.

1.7. Il-KESE jwissi kontra l-protezzjoniżmu nazzjonali fl-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża. L-akkwist konġunt, idealment permezz ta' pjattaforma/aġenzija Ewropea, huwa kruċjali biex tiġi żviluppata d-difiża Ewropea u tittejjeb l-interoperabbiltà fost l-Istati Membri. Huwa daqstant ieħor vitali qafas regolatorju komuni għall-oġġetti militari.

1.8. L-eżiti tal-kapaċità jridu jingħataw prijorità, waqt li tiġi żgurata l-inklużività meħtieġa għal sens kollettiv ta' sjieda Ewropea. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet soċjali serji li jeżistu bħalissa u li jipperikolaw il-koeżjoni soċjali u reġjonali meħtieġa, sitwazzjoni li tista' tiġi riflessa b'mod negattiv fil-prontezza għad-difiża nnifisha.

1.9. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għall-intrapriżi pubbliċi u privati. Huwa jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ immirat għall-SMEs b'kapaċitajiet rilevanti, iżda jappella wkoll għal aktar inċentivi għall-mexxejja teknoloġiċi fost il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.

1.10. Il-ħolqien ta' spazju veru tal-UE għall-mobbiltà militari sal-2027 jirrikjedi regoli armonizzati dwar it-trasport, id-dwana u l-infrastruttura. Il-KESE jappella għal indikaturi tal-prestazzjoni li jistgħu jitkejlu u sistema ta' approvazzjoni f'punt uniku sabiex jitħaffef il-moviment transfruntier.

1.11. Diversi Stati Membri qed jintroduċu mill-ġdid obbligi ta' servizz militari. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda dibattitu fl-UE kollha mas-soċjetà ċivili dwar ir-rekwiżiti tad-difiża militari u ċivili.

1.12. Il-KESE jipproponi patt Ewropew għall-ħiliet fil-qasam tad-difiża biex tiġi żgurata forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, u jafferma mill-ġdid l-importanza ta' standards tax-xogħol robusti, bilanċ reġjonali u involviment tal-imsieħba soċjali fit-trasformazzjoni industrijali u r-rispett tad-drittijiet tax-xogħol tal-ħaddiema. Il-KESE jappoġġja l-prinċipju ta' nonrigressjoni fid-drittijiet tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema u l-involviment tal-imsieħba soċjali fit-trasformazzjonijiet industrijali meħtieġa permezz tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.

1.13. Il-KESE jitlob li l-integrazzjoni ekonomika u industrijali fid-difiża tiġi avvanzata b'mod parallel mal-integrazzjoni politika u militari, u li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-Trattat ta' Liżbona.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-KESE jappoġġja strateġija Ewropea għad-difiża komprensiva li tintegra l-prontezza militari mal-preparatezza ċivili, ir-reżiljenza soċjali, id-diplomazija, id-dritt internazzjonali u l-promozzjoni tal-paċi, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem ([1]). F'dan il-kuntest, il-KESE japprova l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza ([2]) u l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE ([3]), b'segwitu tal-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030. Il-KESE jenfasizza wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni tiegħu CCMI/256 — dwar il-Pjan Direzzjonali għat-Trasformazzjoni tad-Difiża Ewropea — li teżamina t-trasformazzjoni industrijali li tirfed il-prontezza tad-difiża, u li hija marbuta mill-qrib ma' din l-Opinjoni.

([1]) ĠU C, C/2025/5162, 28.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5162/oj?locale=mt.
([2]) Strateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza għall-prevenzjoni u r-reazzjoni għal theddid u kriżijiet emerġenti.
([3]) EUR-Lex — 52025DC0148 — MT.

2.2. Il-KESE japprezza l-istruttura tal-Pjan Direzzjonali, l-objettivi trasparenti, l-iskedi ta' żmien u r-riżultati tanġibbli, u l-inklużjoni ta' azzjonijiet mill-forzi armati tal-Istati Membri tal-UE. Madankollu, il-Pjan Direzzjonali huwa nieqes miċ-ċarezza fir-rigward tal-governanza u d-diviżjoni tal-kompetenzi fost l-atturi ewlenin, inklużi l-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u l-Istati Membri, u n-NATO. B'riżultat ta' dan, hemm ukoll trikkib bejn il-pilastri tal-prontezza tad-difiża. Azzjonijiet koerenti jirrikjedu responsabbiltajiet u governanza ċari.

2.3. Il-KESE jinnota l-affermazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tas-sovranità tal-Istati Membri fis-sigurtà u d-difiża nazzjonali u r-responsabbiltà tagħhom għad-definizzjoni tal-objettivi tal-kapaċità sabiex tiġi żgurata l-prontezza tal-forzi armati għal kompiti strateġiċi u militari. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi wkoll il-valur fit-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u fl-istabbiliment ta' objettivi Ewropej ġenerali b'azzjonijiet ċari u miri li jistgħu jitkejlu.

2.4. Peress li s-27 Stat Membru tal-UE għandhom aktar minn 178 sistema tal-armi (għall-kuntrarju tal-Istati Uniti li għandhom 30) u 80 % ta' akkwist nazzjonali, il-prodotti tad-difiża tal-Ewropa la huma standardizzati u lanqas interoperabbli, u dan jikkawża duplikazzjonijiet, ineffiċjenzi u spejjeż għoljin. Il-frammentazzjoni eżistenti tal-industrija tal-Ewropa timmina l-prontezza tad-difiża tal-UE. L-esperjenza tal-Ukrajna fi żmien il-gwerra tenfasizza l-importanza ta' xiri ċentralizzat u ġestjoni tal-kapaċità. Il-KESE jappoġġja s-sejħa tal-Pjan Direzzjonali għal akkwist aktar koordinat ta' tagħmir militari, inklużi proċeduri ta' akkwist konġunt, u jappella għal soluzzjonijiet adegwati biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u l-konġestjonijiet.

2.5. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ u tiġi ottimizzata l-EDTIB, jitnaqqsu l-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni, jissaħħu l-kooperazzjoni u l-akkomunament, jiġi stimulat l-akkwist konġunt, jiġu minimizzati d-dipendenzi barranin, jinxtraw prodotti Ewropej — inkluż permezz ta' sistema ta' preferenza Ewropea f'setturi sensittivi għas-sigurtà bħal fil-każ tad-difiża — u tiġi żgurata r-reżiljenza tal-katina tal-provvista sabiex jissaħħu l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tal-Ewropa u jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi ([4]).

2.6. Il-KESE jenfasizza li Unjoni tas-Swieq Kapitali hija essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE ta' awtonomija strateġika u prontezza tad-difiża.

2.7. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ immirat għall-SMEs b'kapaċitajiet rilevanti, u inċentivi effettivi aktar b'saħħithom għal kumpaniji innovattivi li kapaċi jorganizzaw ktajjen tal-valur u jintegraw negozji ġodda u akkademiċi. L-investiment pubbliku u l-akkwist pubbliku kollha jridu jkunu marbuta ma' kundizzjonalitajiet soċjali biex ikun hemm inċentivi aħjar għall-industrija biex tinvesti fit-titjib tal-ħiliet, fit-taħriġ mill-ġdid, f'impjiegi ta' kwalità tajba u fir-reklutaġġ tal-ħaddiema għal tranżizzjoni ġusta.

2.8. Il-KESE jafferma li l-prinċipju tan-nonrigressjoni tad-drittijiet tax-xogħol, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huwa essenzjali biex it-trasformazzjoni tal-industrija tad-difiża Ewropea tkun effettiva.

2.9. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp reġjonali, inkluż użu aħjar tal-Fond ta' Koeżjoni biex tiġi mmodernizzata l-infrastruttura b'użu doppju, flimkien ma' proċeduri semplifikati u aċċess ekwu għall-finanzjament.

2.10. Il-prontezza tal-Ewropa għad-difiża trid tiffoka fuq il-kapaċitajiet ta' attakki bi preċiżjoni; l-intelligence; id-difiża ċibernetika; il-loġistika; id-difiża tal-ajru, tal-ispazju, navali, tal-art u dik kontra l-missili; tipproteġi l-infrastruttura kritika, inklużi l-ferroviji u l-portijiet, u ttejjeb il-konnessjonijiet bejn il-portijiet u ż-żoni interni. Dawn isaħħu d-deterrenza u jillimitaw ir-riskji kollaterali u jtejbu r-reżiljenza.

2.11. Il-KESE jilqa' l-identifikazzjoni ta' passi u objettivi intermedji ewlenin, inklużi oqsma ta' kapaċità ta' prijorità inizjali, iżda jesprimi dispjaċir għall-fatt li, fir-rigward tal-Ukrajna, kien hemm dewmien jew restrizzjonijiet mill-Istati Membri għal xi whud minn dawn il-kapaċitajiet — minkejja li diġà disponibbli — u dan naqqas l-effettività tal-appoġġ Ewropew.

([4]) ĠU C, C/2025/2013, 30.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2013/oj; ĠU C, C/2024/4663, 9.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4663/oj; ĠU C, C/2024/4662, 9.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4662/oj; ĠU C 486, 21.12.2022, p. 168; ĠU C 129, 11.4.2018, p. 51; ĠU C 288, 31.8.2017, p. 62.

2.12. Id-dipendenza fuq il-materja prima kritika, inklużi r-riżorsi tal-enerġija, toħloq theddida strateġika dejjem akbar. Għalhekk, il-prontezza tad-difiża tiddependi wkoll fuq li tiġi żgurata r-reżiljenza industrijali u tar-riżorsi permezz ta' ktajjen tal-provvista u kapaċitajiet tal-ipproċessar fl-Ewropa diversifikati**,** affidabbli u bbażati fl-UE (bħal fil-każ tal-bijofjuwils minn bijomassa domestika sostenibbli) ([5]).

3. **Il-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030: Valutazzjoni u rakkomandazzjonijiet**

3.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-pjan direzzjonali jgħaqqad il-politiki industrijali, tal-innovazzjoni, tal-akkwist u tal-mobbiltà fi pjan koerenti biex l-Ewropa tkun pronta fil-qasam tad-difiża sal-2030, inklużi proġetti ewlenin pan-Ewropej, spazju ta' mobbiltà militari fl-UE kollha sal-2027, u rabtiet mal-arkitettura finanzjarja "ReArm Europe".

3.2. Il-KESE jwissi kontra l-protezzjoniżmu nazzjonali fl-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u jappella għal soluzzjonijiet. Il-protezzjoni tal-industriji domestiċi mill-kompetizzjoni ġusta Ewropea tirriżulta f'ineffiċjenza, duplikazzjoni u spejjeż oġħla. Il-protezzjoniżmu jifframmenta s-swieq, joħloq sensji, joħnoq l-innovazzjoni, idgħajjef il-fiduċja fost l-Istati Membri u jista' jxekkel l-interoperabbiltà.

3.3. Hemm ħtieġa urġenti għal gwida ċara għall-industrija dwar il-parteċipazzjoni fl-akkwist konġunt, li tkopri b'mod speċjali kwistjonijiet tat-taxxa bħall-eżenzjoni mill-VAT skont l-Artikolu 20 tar-Regolament SAFE. Din il-gwida għandha tiġi riflessa b'mod konsistenti fil-qafas applikabbli tal-akkwist fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà, inkluża d-Direttiva 2009/81/KE ([6]), kif ukoll fir-regoli tal-UE dwar l-eliġibbiltà tal-kostijiet għall-komponenti u s-sottosistemi. Trasparenza akbar se tippermetti lill-kumpaniji jippjanaw il-produzzjoni u l-investiment b'mod aktar effettiv. Il-kjarifika tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal investimenti ffinanzjati pubblikament hija essenzjali wkoll.

3.4. Il-Kapitolu 5 tal-Pjan Direzzjonali jisħaq b'mod ġust fuq il-ħtieġa li jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, peress li l-veloċità u l-effiċjenza huma essenzjali għall-prontezza. L-eżiti tal-kapaċità jridu jingħataw prijorità, waqt li tiġi żgurata l-inklużività meħtieġa għal difiża komuni effettiva, awtonomija strateġika u sens kollettiv ta' sjieda Ewropea.

3.5. Il-KESE jħeġġeġ li jinħoloq suq uniku ġenwin għat-tagħmir tad-difiża mibni fuq it-trasparenza u l-istandards komuni, li jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn il-kumpaniji pubbliċi u privati

3.6. Il-Pjan Direzzjonali jappella b'mod ġust għal investiment koordinat, skalar industrijali u prontezza operazzjonali akbar. Madankollu, din mhijiex xi intwizzjoni ġdida: il-KESE ilu jwissi li d-difiża tal-Ewropa għadha frammentata ([7]). Inizjattivi bħall-EDIRPA huma miżuri pilota importanti iżda għadhom temporanji u limitati wisq kemm fl-ambitu tal-finanzjament kif ukoll f'dak istituzzjonali. Biex tilħaq il-mira ta' akkwist konġunt ta' 40 % sal-2027, l-UE teħtieġ pjattaforma/aġenzija permanenti tal-akkwist biex tikkoordina, tistandardizza u tespandi l-akkwiżizzjonijiet.

3.7. Pjattaforma/aġenzija bħal din tista' tiġġenera ekonomiji ta' skala, ittejjeb it-trasparenza u tappoġġja lill-SMEs permezz ta' offerti diġitali miftuħa. Din ma għandhiex taġixxi bħala "xerrej ta' Brussell" iżda bħala ċentru kooperattiv. (L-akkwist tal-vaċċini waqt il-pandemija tal-COVID-19 jista' jservi bħala eżempju.) L-EDIRPA, il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-EDA jiffurmaw il-bażi, iżda pjattaforma ankrata legalment, irregolata b'mod konġunt u ffinanzjata b'mod adegwat tibqa' r-rabta istituzzjonali nieqsa għal akkwist kollettiv dejjiemi.

3.8. Il-mira ta' akkwist konġunt ta' 40 % tal-Pjan Direzzjonali hija kemm ambizzjuża kif ukoll essenzjali. Il-KESE jirrakkomanda objettivi intermedji (25 % sal-2026), rapportar trasparenti u approċċ ta' arkitettura miftuħa permezz ta' standards u interfaċċi tekniċi komuni u definiti biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà u jiġi pprevenut l-intrappolament tal-klijentela.

([5]) ĠU C 349, 29.9.2023, p. 142; ĠU C, C/2023/857, 8.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/857/oj.

([6]) Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

([7]) EUR-Lex — 52025DC0148 — MT.

3.9. Il-KESE jieħu nota tal-programmi ewlenin ambizzjużi bħall-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-tarki tal-ajru u tal-ispazju Ewropej, u n-network tal-kurituri tal-mobbiltà militari u jappella għal arranġamenti ta' governanza stabbiliti b'mod ċar.

3.10. Il-mobbiltà militari hija essenzjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropea, inkluż l-appoġġ tal-UE għall-Ukrajna. Il-kisba ta' żona ta' mobbiltà militari tal-UE integrata bis-sħiħ sal-2027 tirrikjedi qafas tat-trasport armonizzat bi proċeduri unifikati, dikjarazzjonijiet doganali standardizzati u kapaċitajiet imsaħħa b'użu doppju. Infrastruttura affidabbli għall-provvista tal-fjuwil likwidu hija indispensabbli għall-mobbiltà militari. L-infrastruttura tal-enerġija, li għandha ssir kompletament sostenibbli malajr kemm jista' jkun, hija importanti għall-prontezza tad-difiża u l-użu doppju. Koordinazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet ċivili u militari, infrastruttura interoperabbli u indikaturi ċari tal-prestazzjoni huma kruċjali. Peress li 95 % tal-investimenti huma b'użu doppju, il-KESE jappoġġja sistema ta' approvazzjoni f'punt uniku biex jiġu ffaċilitati l-movimenti transfruntiera. Fir-rigward tal-infrastruttura pubblika, l-imsieħba soċjali jeħtieġ li jkunu involuti. Id-difiża navali hija parti integrali mid-difiża u l-mobbiltà militari. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Pjan Direzzjonali jinkludi d-difiża navali bħala parti essenzjali mir-rispons tal-UE għall-prontezza tad-difiża, u jissottolinja l-ħtieġa li l-portijiet jiġu inklużi fil-listi ta' infrastruttura kritika li trid tiġi protetta. Il-KESE jappella għall-involviment sħiħ tal-imsieħba soċjali fil-proċessi kollha ta' reviżjoni possibbli tar-Regolamenti eżistenti dwar il-mobbiltà militari, kull meta dawn ikollhom impatt ukoll fuq il-ħaddiema fis-settur ċivili.

3.11. Il-movimenti tat-truppi u tat-tagħmir fuq skala kbira jirrikjedu kapaċitajiet b'użu doppju sostanzjali u faċilment disponibbli, b'mod partikolari l-vetturi ferrovjarji. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-ġbir flimkien ta' riżorsi dedikati u jistieden lill-Kummissjoni tuża programmi finanzjarji mmirati biex tikkonsolida u tirrikostitwixxi l-flotot. Il-KESE jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' integrazzjoni ħafna aktar b'saħħitha bejn il-portijiet ewlenin tal-UE u n-network ferrovjarju, li għadu punt dgħajjef fil-katina tal-loġistika.

3.12. ReArm Europe għandu jintegra l-garanziji tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), u javvanza ftehimiet ta' xiri u għodod għall-kondiviżjoni tar-riskju biex tiġi estiża l-kapaċità industrijali. L-approvazzjoni rapida tal-għajnuna mill-Istat trid tapplika għal proġetti b'valur miżjud Ewropew ippruvat u b'impatt pożittiv fuq l-impjieg ([8]). B'mod aktar ġenerali, il-KESE jirrakkomanda li jissaħħaħ ir-rwol tal-grupp tal-BEI fit-trasformazzjoni tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-Difiża Ewropea, u jenfasizza l-kontribut tal-Faċilità tal-Ekwità tad-Difiża, implimentata mill-FEI għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament tal-ekwità għall-kumpaniji Ewropej tad-difiża u b'użu doppju.

3.13. L-Ewropa għandha tiżviluppa Ċentri ta' Innovazzjoni fid-Difiża u infrastruttura tal-ittestjar, tippromovi akkwist ibbażat fuq l-isfidi allinjat ma' proġetti ewlenin, u tintegra l-għarfien espert Ukren fit-teknoloġiji tad-droni, tar-rokits, taċ-ċiberdifiża u tal-loġistika taħt oqfsa ċari ta' kondiviżjoni tal-proprjetà intellettwali u standards ibbażati fuq il-valuri Ewropej.

3.14. L-Ewropa qed tiffaċċja polikriżi. Fl-istess ħin, iċ-ċarezza strateġika u l-għeluq rapidu tal-lakuni immedjati fil-kapaċità, b'mod partikolari biex jinżamm l-appoġġ għall-Ukrajna, huma essenzjali. Pjan direzzjonali ffukat bil-prijoritizzazzjoni meħtieġa jrid jimxi id f'id ma' perspettiva ta' 360 grad.

4. **Id-dimensjoni tas-soċjetà ċivili tal-prontezza tad-difiża**

4.1. Il-KESE jirrikonoxxi l-valur tat-teknoloġija u l-infrastruttura b'użu doppju u bi skop doppju u jappella għal arranġamenti operazzjonali speċifiċi biex jiġi żgurat li dawn il-kapaċitajiet jippermettu wkoll lis-soċjetà ċivili tibbenefika minn kapaċitajiet ta' difiża msaħħa u prontezza tad-difiża miżjuda.

4.2. L-infiq addizzjonali għad-difiża ma jridx isir għad-detriment tal-acquis soċjali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha; meta wieħed iqis li hemm 100 miljun ċittadin tal-UE li jgħixu fil-faqar jew f'riskju ta' faqar, il-koeżjoni soċjali hija wkoll element importanti tar-reżiljenza tas-soċjetà tagħna.

([8]) ĠU C, C/2025/2013, 30.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2013/oj.

4.3. Diversi Stati Membri qed jintroduċu mill-ġdid obbligi ta' servizz militari. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda dibattitu madwar l-UE kollha mas-soċjetà ċivili dwar ir-rekwiżiti tad-difiża militari u ċivili. Tali dibattitu jista' jkun marbut mal-kampanja ppjanata mill-Kummissjoni flimkien mal-Konferenza ta' Munich dwar is-Sigurtà intitolata *Protect What Matters. Together*.

4.4. Il-KESE jappella għal approċċ Ewropew tas-soċjetà kollha għar-reżiljenza militari u ċivili u jissottolinja l-importanza tal-involviment tas-soċjetà ċivili, l-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja u l-parteċipazzjoni ċivika ([9]). Iċ-ċittadini jridu jqisu lilhom infushom bħala parteċipanti attivi fl-ekosistema tad-difiża, kemm f'kuntesti militari kif ukoll ċivili.

4.5. L-organizzazzjonijiet volontarji jibqgħu essenzjali wkoll għar-rispons għall-kriżijiet u l-koeżjoni. Dawn għandhom jiġu rikonoxxuti bħala msieħba tal-ewwel rispons u jingħataw finanzjament stabbli, taħriġ u status legali. Is-servizzi pubbliċi jiffurmaw is-sinsla tal-infrastruttura, il-kontinwità, il-mobbiltà u r-reżiljenza demokratika. L-investiment, l-interoperabbiltà u l-protezzjoni tal-persunal huma essenzjali għall-prontezza tad-difiża.

4.6. Id-drittijiet tas-suldati jvarjaw b'mod sinifikanti fl-UE. L-interoperabbiltà effettiva teħtieġ grad ta' armonizzazzjoni, f'konformità mal-valuri tal-UE li għandhom il-kompitu li jipproteġu u jiddefendu. F'kundizzjonijiet ta' żmien ta' paċi, dan għandu jinkludi d-dritt għall-għaqda, id-djalogu u r-rappreżentanza soċjali, is-saħħa, is-sikurezza u l-protezzjoni tal-familja, l-edukazzjoni u l-etika konsistenti mas-supremazija ċivili u d-dritt umanitarju, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, il-mobbiltà tal-karriera u l-appoġġ għat-tranżizzjoni.

4.7. L-imsieħba tas-soċjetà ċivili jridu jiġu inklużi fl-ippjanar tal-prontezza. Id-djalogu strutturat bejn l-awtoritajiet u ċ-ċittadini jsaħħaħ il-fiduċja, il-leġittimità u s-sjieda kondiviża ([10]).

4.8. L-edukazzjoni formali u informali, it-taħriġ ċiviku u l-finanzjament sostenibbli għall-atturi tas-soċjetà ċivili huma essenzjali għar-reżiljenza tas-soċjetà u għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni. Dawn huma vitali għall-bini ta' identità Ewropea ankrata fil-paċi, is-servizz u s-solidarjetà. Għandha ssir enfasi fuq it-tagħlim rapidu, l-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet konjittivi, u l-użu effettiv tal-IA biex jiġu miġġielda l-polarizzazzjoni u d-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-gwerra konjittiva emerġenti, u b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà u jiġi żgurat vantaġġ militari u strateġiku.

4.9. Ewropa reżiljenti trid tgħaqqad il-kapaċità teknoloġika mal-koeżjoni soċjali. Il-KESE jipproponi patt Ewropew dwar il-ħiliet tad-difiża, standards tax-xogħol robusti, mobbiltà transsettorjali, bilanċ reġjonali, involviment tal-imsieħba soċjali fit-trasformazzjoni industrijali, u r-rispett tad-drittijiet tax-xogħol tal-ħaddiema. Il-KESE jappoġġja wkoll l-istabbiliment ta' proġett pilota tal-Garanzija tal-Ħiliet permezz ta' implimentazzjoni aċċellerata u monitoraġġ mill-qrib tal-mikrokredenzjali u l-kontijiet individwali tal-apprendiment biex tinbena forza tax-xogħol versatili u reżiljenti fis-settur tad-difiża.

4.10. Ir-responsabbiltà demokratika mhijiex negozjabbli. Il-KESE jipproponi dashboard pubbliku — li għandu jiġi inkluż fir-Rapport Annwali dwar il-Prontezza tad-Difiża — għall-monitoraġġ tal-impatti fuq l-akkwist, l-innovazzjoni u l-impjieg; valutazzjonijiet annwali dwar il-kompetizzjoni u l-SMEs; u miżuri kontinwi ta' kontroll tal-armi u ta' trasparenza biex titrawwem l-istabbiltà.

4.11. L-Ewropa trid tibni kapaċità ta' difiża li tipproteġi l-paċi mingħajr militarizzazzjoni, tiskoraġġixxi mingħajr ma tiddomina, u tgħaqqad aktar milli taqsam. Kapaċità ta' difiża kredibbli u bażi industrijali koerenti, soċjetà ċivili vibranti, ċittadinanza attiva u sorveljanza demokratika jiffurmaw it-tarka ta' Ewropa paċifika u ħielsa.

([9]) ĠU C, C/2026/42, 16.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/42/oj.

([10]) ĠU C, C/2025/2957, 16.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2957/oj; ĠU C, C/2024/2481, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/2481/oj.

5. **Allinjament tal-ambizzjoni mal-possibbiltajiet**

5.1. Il-Kumitat jenfasizza li l-politika Ewropea ta' difiża trid tibqa' ambizzjuża iżda realistika, u tiffoka fuq dak li jista' jinkiseb fl-għaxar snin li ġejjin. Kwalunkwe inizjattiva tal-UE dwar id-difiża jew is-sigurtà ma għandhiex issir għad-detriment tal-progress soċjali, id-drittijiet tal-ħaddiema jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni fl-industrija tad-difiża tal-Ewropa se tkun ta' suċċess biss jekk tkun appoġġjata minn strateġija industrijali koerenti, peress li l-UE jeħtieġ li tinvesti fil-katina tal-valur kollha. It-tħabbiriet ta' investiment massiv reċenti jeħtieġ li jissarrfu f'ordnijiet ta' provvista lill-kumpaniji fuq medda twila ta' żmien.

5.2. Qafas regolatorju komuni għall-prodotti militari huwa daqstant ieħor vitali, wieħed li huwa bbażat fuq standards kondiviżi, rikonoxximent reċiproku u proċeduri semplifikati li jħaffu l-iżvilupp, iċ-ċertifikazzjoni u l-iskjerament. Ir-regolamentazzjoni trid tippermetti l-kapaċità, u mhux tostakolaha.

5.3. Il-KESE josserva li l-Pjan Direzzjonali ma jenfasizzax il-ħtieġa tal-eliġibbiltà tal-forniturі u tal-prodotti kif meħtieġ mill-Artikolu 16 tar-Regolament SAFE jew ir-Regolament EDIP. Din l-ommissjoni tista' ddgħajjef l-istandards tal-kwalifiki matul l-implimentazzjoni, inkluż fi proġetti ewlenin. Minħabba n-natura sensittiva tal-inizjattivi tad-difiża, il-Pjan Direzzjonali għandu jafferma mill-ġdid b'mod espliċitu l-aderenza mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà u tas-sigurtà tal-provvista biex jallinja mar-regolamenti eżistenti u jżomm standards għoljin.

5.4. Il-KESE jirrikonoxxi li x-xenarju ġeopolitiku nbidel b'mod fundamentali u jitlob għalhekk li l-integrazzjoni ekonomika u industrijali fid-difiża tiġi avvanzata b'mod parallel mal-integrazzjoni politika u militari. Dan se jinvolvi l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tat-Trattat ta' Liżbona, inkluż l-għoti ta' effett prattiku lill-klawżola ta' difiża reċiproka skont l-Artikolu 42(7) TUE, it-tisħiħ tal-Persunal Militari tal-UE, l-għoti ta' tifsira reali lill-klawżola ta' difiża reċiproka, u l-ħolqien ta' Kunsill tal-Ministri għad-Difiża sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet, tinbena Unjoni Ewropea tad-Difiża effettiva u l-UE tkun tista' taġixxi bħala pilastru ta' stabbiltà f'dinja multipolari.

5.5. Il-KESE jqis li t-teħid rapidu ta' deċiżjonijiet huwa essenzjali għall-prontezza tad-difiża. Għalhekk itenni l-ħtieġa li nitbiegħdu mit-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod unanimu fil-politika estera u ta' sigurtà, flimkien mal-aħjar bażi industrijali tad-difiża. Il-KESE jieħu nota tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2025 ([11]) li fost kwistjonijiet rilevanti oħra, tindirizza din il-kwistjoni importanti, u ttenni l-konklużjonijiet tiegħu stess ta' Opinjoni ([12]) preċedenti li tippreżenta waħda miż-żewġ possibbiltajiet li ġejjin bħala soluzzjoni tranżitorja biex jintlaħaq dan l-objettiv:

— jew perjodu ta' prova temporanju ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata jew maġġoranzi superkwalifikati (jiġifieri livelli limitu ogħla għal maġġoranza kwalifikata); jew

— jista' jsir użu akbar mill-Artikolu 44 tat-TUE biex jippermetti l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li lesti jimxu 'l quddiem u b'kapaċitajiet adegwati fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK), permezz ta' delegazzjoni tal-Kunsill.

Brussell, it-18 ta' Marzu 2026.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Séamus BOLAND

([11]) Parlament Ewropew, 2024-2029 Testi adottati.
([12]) ĠU C 140, 21.4.2023, p. 20.